**NOMINA TAS-SUR MARCO MICALLEF GĦALL-ĦATRA
TA’ AMBAXXATUR RESIDENTI TA’ MALTA
GĦALL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X’taħseb li huma l-isfidi li se tkun qed tara fil-pajjiż fejn se tinħatar bħala ambaxxatur? U kif qiegħed tara li dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż?**

Fir-rigward ta’ sfidi, iktar milli x’naħseb jiena, nirreferi lill-Kumitat lejn id-diversi sondaġġi li jsiru maċ-ċittadini Amerikani fejn jiġu mistoqsija dwar l-isfidi li huma jaraw f'pajjiżhom. Ftit jew wisq kull sondaġġ joħroġ dawn l-materji: l-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja, l-immigrazzjoni, l-affordabilità għal aċċess tas-servizzi tas-saħħa u materji relatati ma’ governenza.

Ir-rwol tal-Ambaxxatur nemmen li għandu jkun wieħed li, iva, jagħraf u jifhem l-isfidi li qed taffaċċja s-soċjetà li jkun qed iservi fiha - f’dan il-każ l-Istati Uniti tal-Amerika. Madankollu nemmen li Ambaxxatur għandu jevita kemm jista' li jidħol f’diskussjoni pubblika ta’ kif jaħseb li l-pajjiż li fih qed iservi għandu jindirizza tali sfidi identifikati mill-poplu tiegħu.

2. **X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar Ambaxxatur?**

Il-binarju li beħsiebni naħdem fuqu f’każ li ninħatar Ambaxxatur huwa wieħed li jkompli jibni fuq il-ħafna tajjeb li sar mill-predeċessuri bil-għan li fil-parametri applikabbli għall-materja u s-sitwazzjoni inkwistjoni jkomplu jiġu msaħħa r-relazzjonijiet politiċi, diplomatiċi, soċjali u ekonomiċi ta’ bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerika.

3. **Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma’ pajjiżna?**

Matul il-perjodu li ili naħdem fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu ħdimt fuq diversi preparamenti għal laqgħat li d-Deputat Prim Ministru kellu ma’ uffiċjali Amerikani kif ukoll fuq viżti uffiċjali tiegħu fl-Istati Uniti tal-Amerika.

Waqt dawn il-preparamenti bnejt kuntatt u relazzjoni ta’ ħidma u kollaborazzjoni ma’ diversi diplomatiċi u uffiċjali Maltin u Amerikani, Konsli Ġenerali u Onorarji kif ukoll iltqajt ma’ uħud mid-diaspora Maltija fl-Istati Uniti tal-Amerika, liema kuntatti u relazzjonijiet diġà stabbiliti min-naħa tiegħi persważ li ser insibhom ta’ għajnuna fil-ħidma ta’ Ambaxxatur biex jiġu mtejba kemm ir-rabtiet politiċi kif ukoll soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi.

4. **Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Naħseb li bħal kull relazzjoni diplomatika oħra li għandu pajjiżna, l-ikbar sfida fit-tisħiħ tar-relazzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerika tibqa' li wieħed, meta jidentifika oqsma ta’ kollaborazzjoni plawsibbli, jassigura komunikazzjoni u bini ta’ relazzjoni ta’ ħidma adegwata li twassal biex kull naħa tifhem il-parametri applikabbli li n-naħa l-oħra tista’ jew qed tara li taħdem fihom għal tali kollaborazzjoni. Dan biex ikun żgurat li jintlaħqu l-objettivi maħsuba b’mod li jkunu aċċettabbli u jwasslu għar-riżultat mixtieq miż-żewġ naħat.

5. **X'taħseb li huma n-niċeċ li jista' jkun hemm sinerġija fuqhom bejn Malta u l-pajjiż fejn int se tkun qed tirrappreżenta lil pajjiżna?**

Naħseb li oqsma li jista' jkun hemm aktar sinerġija fuqhom bejn Malta u l-Istati Uniti huma dawk tal-iffaċilitar u l-organizzazzjoni ta' laqgħat diplomatiċi favur id-djalogu u l-paċi, il-qasam tal-enerġija, il-qasam tas-sigurtà, il-qasam marittimu, il-qasam tal-avjazzjoni, il-qasam tat-turiżmu, il-qasam tat-teknoloġiji ġodda u l-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka.

6. **Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, Malta, bħal kull stat membru ieħor tal-Unjoni, tiddelega t-tisħiħ u n-negozjati tar-releazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ma' pajjiżi terzi lill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk it-tisħiħ ta' relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi ta' Malta mal-Istati Uniti għandu jsir fil-parametri li jippermettu l-istess ftehimiet. Fid-diskussjonijiet ta' esplorazzjoni eventwali ma' msieħba mill-Istati Uniti, wieħed għandu jagħfas fuq il-punti ta' saħħa li joffri pajjiżna, waqt li jkun konxju tad-dgħufijiet li tali msieħba mill-Istati Uniti jistgħu potenzjalment jaraw f'pajjiżna.

7. **F'dan ir-rigward tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Hemm trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Nirreferi għat-tweġiba li għamilt għall-mistoqsija Numru 6.

8. **Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Dan huwa qasam li fih hemm lok u opportunitajiet ġodda għal ferm aktar koperazzjoni, grazzi għall-bidu tat-titrijiet diretti bejn Malta u New York minn Ġunju li ġej bil-linja tal-ajru Amerikana *Delta Airlines*. Inħares 'il quddiem biex bil-pożizzjoni l-ġdida tiegħi nkun nista' nikkollabora bis-sħiħ u mill-qrib mal-awtoritajiet Maltin, kif ukoll l-industrija Maltija f'dan il-qasam biex dan l-iżvilupp importanti jkun sostnut.

9. **Fuq livell ta' politika Ewropea u internazzjonali, tara li ż-żewġ pajjiżi jistgħu jsaħħu l-koperazzjoni bejniethom?**

Kull dikjarazzjoni jew azzjoni mill-mexxejja tal-Istati Uniti tal-Amerika huma ta' influwenza b'mod dirett jew indirett fuq l-iżvilupp tal-politika Ewropea u internazzjonali.

Naħseb li l-organizzazzjoni b'suċċess minn Malta tal-laqgħat fl-2023 bejn il-Konsulenti tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerika u dawk taċ-Ċina; l-organizzazzjoni tal-laqgħa tal-Konsulenti Politiċi u s-Sigurtà Nazzjonali minn madwar 60 pajjiż fil-*Peace Formula* proposta mill-Ukrajna, kif ukoll il-mod ta' kif ippresedejna fuq l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa fl-2024, minkejja l-preparazzjoni fi żmien qasir waqt il-perjodu li Malta kienet qed isservi wkoll b'mod prammatiku fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, jibagħtu messaġġ tajjeb lill-Istati Uniti li Malta, fil-parametri applikabbli tal-Kostituzzjoni u politika barranija tagħha, dejjem lesta biex issaħħaħ kooperazzjoni ta' dan it-tip.

10. **Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk matul il-karriera tiegħek kontx involut fil-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

L-ewwel esperjenza tiegħi mal-Ministeru kkonċernat kienet fl-ewwel Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Kont servejt bħala Deputy Mertens ġewwa r-Rappreżentanza Maltija għall-Unjoni Ewropea fi Brussell. Tul dan il-perjodu għamilt ukoll sitt xhur sekondat mal-Kummissjoni Ewropea, *job shadowing* il-Mertens tal-Kummissjoni.

It-tieni esperjenza tiegħi fil-Ministeru kienet meta għal dawn l-aħħar snin servejt bħala Kap tas-Segretarjat tal-istess Ministeru kif ukoll Konsulent fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru.

11. **Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?**

Bħalissa nokkupa l-pożizzjoni ta' Konsulent fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu filwaqt li għandi grad ta' uffiċjal pubbliku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport. F'każ li niġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika, beħsiebni nżomm il-grad ta' uffiċjal pubbliku fl-Awtorità tat-Trasport.

12. **Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?**

Le m'għandix.

13. **Tista' tinforma lill-kumitat jekk kellekx diġà jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?**

Le, ma kellix u m'għandix rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika?**

Ir-rwol tal-Ambaxxatur residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika niddeskrivih bħala wieħed li jkompli jibni fuq il-ħafna tajjeb li sar mill-predeċessuri. L-għan ewlieni jkun illi fil-parametri applikkabli għall-materja u s-sitwazzjoni inkwistjoni, l-Ambaxxaur jaħdem biex ikompli jsaħħaħ ir-relazzjonijiet politiċi, diplomatiċi, soċjali u ekonomiċi ta' bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerka.

2. **Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerika?**

Naħseb li bħal kull relazzjoni diplomatika oħra li għandu pajjiżna, l-ikbar sfida fit-tisħiħ tar-relazzjoni bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerika tibqa' li wieħed, meta jidentifika oqsma ta' kollaborazzjoni plawsibbli, jassigura komunikazzjoni u bini ta' relazzjoni ta' ħidma adegwata li twassal biex kull naħa tifhem il-parametri applikabbli li n-naħa l-oħra tista' jew qed tara li taħdem fihom għal tali kollaborazzjoni. Dan biex ikun żgurat li jintlaħqu l-objettivi maħsuba b'mod li jkunu aċċettabbli u jwasslu għar-riżultat mixtieq miż-żewġ naħat.

3. **Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Istati Uniti talAmerika?**

Pożizzjonijiet u interessi komuni jinkludu it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni diplomatika rigward inizjattivi li jsaħħu l-istabilità u d-djalogu reġjonali; ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, kemm bilateralment u kemm bħala stat membru tal-Unjoni Ewropea; il-qsim ta' informazzjoni b'mod partikolari dik marbuta mas-sigurtà, it-tisħiħ tat-turiżmu u l-konnettività bejn iż-żewġ pajjiżi kif ukoll il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi.

4. **Xi preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku?**

L-ewwel esperjenza tiegħi mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu kienet fl-ewwel Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Kont servejt bħala Deputy Mertens ġewwa r-Rappreżentanza Maltija għall-Unjoni Ewropea fi Brussell.

It-tieni esperjenza tiegħi fl-istess Ministeru kienet meta għal dawn l-aħħar snin servejt bħala Kap tasSegretarjat u anki Konsulent fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru.

Matul il-perjodu li servejt f'dawn il-pożizzjonijiet ikkollaborajt mill-viċin ma' membri tal-korp diplomatiku Malti kif ukoll ta' pajjiżi oħra akkreditati għal Malta u għall-Istituzzjonijiet Ewropej u Internazzjonali.

5. **Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?**

Bħala ħidma f'Ambaxxata nirreferi għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija numru 4. Fejn jidħol taħriġ, fl-2016, għamilt sitt xhur sekondat mal-Kummissjoni Ewropea, *job shadowing* il-Mertens tal-Kummissjoni. Fl-2023, fuq rakkomandazzjoni tal-Ambaxxata tal-Istati Uniti tal-Amerika f'Malta, ipparteċipajt fl-International Visitors Leadership Programme organizzat mid-Dipartiment tal-Istat Amerikan dwar l-isfidi ta' sigurtà li jaqsmu l-pajjiżi Ewropej u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Fl-2023 ġejt ippreżentat ukoll l-unur u t-titlu ta' Kavallier tal-Ordni tal-Istilla tal-Italja mill-Ambaxxatur tal-Italja għal Malta. Dan l-unur kien konferit mill-President tar-Repubblika Taljana, l-Eċċellenza tiegħu Sergio Mattarella fuq rakkomandazzjoni tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Italja għall-ħidma tiegħi fl-iffaċilitar ta' laqgħat bilaterali u diplomatiċi għoljin bejn iż-żewġ pajjiżi.

6. **Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?**

Fil-pożizzjonijiet li servejt fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu kont involut f'diversi negozjati, dikjarazzjonijiet u anke fl-organizzazzjoni ta' laqgħat għoljin fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra.

7. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Jien impjegat tal-Awtorità tat-Trasport u matul l-aħħar snin okkupajt pożizzjonijiet ta' fiduċja fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

8. **Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Bejn l-2013 u l-2014 servejt bħala koordinatur fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Presidenza tal-Unjoni Ewropea 2017 u Fondi Ewropej.

Bejn l-2018 u l-2020 servejt bħala segretarju privat tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Bejn l-2020 u l-2022 servejt bħala Kap tas-Segretarjat tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Bejn l-2022 u l-2024 servejt bħala Kap tas-Segretarjat fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu.

Mill-2025 sa issa qed inservi bħala Konsulent fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

9. **Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika?**

Bħalissa nokkupa l-pożizzjoni ta' Konsulent fi ħdan l-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu filwaqt li għandi grad ta' uffiċjal pubbliku fl-Awtorità tat-Trasport.

F'każ li niġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika, beħsiebni nżomm il-grad ta' uffiċjal pubbliku fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport.

10. **Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika?**

Le, m'għandix.

11. **Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Le m'għandix.

12. **Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?**

Le, m'għandix.